MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 72

29 ta' Mejju 2024

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea - Kunsillier
John P. Bonnici – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Giorgio Mario Schembri – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Maria Concetta Scerri – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.31pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti kien daħal onlajn jew ġie fuq il-post fil-ħin.

## 72.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

72.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kellha l-ebda ittra t'apoloġija.

## 72.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

72.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa 71 ġew approvati.

## 72.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

72.3.1 Inawgurazzjoni tal-vann

Is-Sur Cordina qal illi m'għandux wisq xi jgħid ħlief li ġie varat il-vann fil-preżenza Onorevoli Byron Camilleri. Dan is-servizz se jibda jopera mit-Tnejn li ġej u se jinkludi trasport lill-anzjani f'diversi postijiet ġewwa Ħ'Attard tieħu wkoll Mater Dei u kliniċi oħra.

72.3.2 *Uffiċini tal-Kunsill*

Is-Sur Cordina qal li t-taraġ lest bil-konkos u l-bokka tal-lift tiela' ukoll. Qal li ġie l-electrician li għamel xogħlijiet biex ikomplu għaddejjin sakemm jaslu għat-tromba.

72.3.3 *Triq Victor Vassallo*

Is-Sur Cordina qal jitkomplew ix-xogħlijiet fi Triq Victor Vassallo forsi jaslu biex jingħata wiċċ ġdid. Is-Sur Victor Galea staqsa jekk hux qed isir xi ħaġa minħabba t-trabijiet eżaġerati l-hemm bħalissa fit-triq. Is-Sur Cordina qal jonqos ftit xogħlijiet mhux ħażin.

## 72.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

72.4.1 Giorgio Schembri

- Saqsa fuq liema pjanti qed isiru x-xogħolijiet? Is-Sur Cordina qal li qed isiru fuq l-aħħar pjanti li ġew sottomessi bil-modifiki hekk kif xtaqu r-residenti. Hu semma *centre strip* li ġiet modifikata minn *humped* għal biż-żebgħa u kif jaf kulħadd kien hemm ukoll dawk iż-żewġ mandati li waqfu x-xogħlijiet. Il-Perit Schembri qal li xtaq ikun ċar fuq din hi huma tawhom l-emendi u li mxew fuq l-emendi li tagħhom il-Kunsill. Is-Sur Alex Mangion staqsa jekk fil-każ tal-mandat kienx kollox issetiljat? Is-Sur Cordina qal li fil-mandat kien hemm

inkluż ukoll il-Kunsill Lokali u wara li hu ma naqasx juri d-diżappunt tiegħu għal kif saru tali mandati. Tali mandati twaqqgħu kontra l-Kunsilli Lokali imma baqgħu validi kontra Infrastructure Malta.

72.4.2 Silvio Brincat

- Qal li kellhom isiru xi lqugħ għall-ilma tax-xita. Is-Sur Cordina qal issa u f'xi bnadi u oħrajn għadhom qed isiru. Dan ix-xogħol se jitkompla wkoll fi Triq il-Fies fejn se jsiru wkoll ilqugħ l-ilma.

72.4.3 Victor Galea

- Is-Sur Victor Galea qal li peress li din l-aħħar laqgħa u ma jafx jekk ikun leġislazzjoni l-ġdida xtaq iwassal suġġeriment sabiex issir laqgħa bejn il-kunsilli ta' Ħ'Attard Ħaż-Żebbuġ, is-Siġġiewi biex jiddiskutu l-postijiet ta' divertiment u l-istorbju li dawn jiġġeneraw. Hu qal li s-sound kollu jista' jitkejjel imma ċertu ħinijiet żgur li mhux se tkun tollerabbli. Is-Sur Cordina fakkar li din il-proposta kienet ġa saret.

72.4.4 L-Avukat Caruana daħlet f'dan il-mument 5.38pm

Kompla jgħid li huma kienu ltaqgħu ġurnata partikolari imma s-Sindku ta' Ħaż-Żebbuġ biss kien ġie. Is-Sur Mangion qal li kienet saret petizzjoni imma sfortunatament ma kienx hemm firem biżżejjed. Il-Perit Schembri qal li *noise pollution* qegħda kullimkien ibda mit-traffiku, ajruplani u ovvjament postijiet ta’ divertiment. Saħansitra kompla jsemmi d-dwal li ma jistax jifhem kif qed jippermettu dawk id-dwal kollha. L-Avukat Caruana semmiet ukoll l-istorbju minn siti ta’ kostruzzjoni.

Il-Perit Schembri qal li hemm bżonn l-għajnuna ta’ kull Kunsill fuq din il-kwistjoni biex jekk jista’ jkun titqajjem anke fil-Parlament.

- Saqsa fuq dik il-binja biswit l-iskola li saret oġġezzjoni fuqha mill-Kunsill u li l-Madam tal-iskola iffirmat in-*no objection*. Is-Sur Cordina qal li din il-biċċa art kellha ssir sports complex, imma din reggħet waqgħet f’idejn il-privat. Din inbiegħet u se ssir *language school* u mhux se jkun hemm dak l-influss ta’ traffiku. Is-Sur Galea saqsa kemm se tkun għolja l-blokka bil-Perit Schembri jirribatti li d-deċiżjoni hi f’idejn l-Awtorita’ tal-Ippjanar. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll li permess xorta jista’ joħroġ la konformi mal-policies imma hemm id-dritt tal-appell u tista’ anke tinfetaħ kawża bil-Qorti. Kompliet tgħid li hu aktarx qed jirreferi għal blokka tax-xeqliba l-oħra tal-iskola li fuqha saret oġġezzjoni mill-Kunsill li m’għandha x’taqsam xejn ma dak li tat in-*no objection* il-Madam.

Alex Mangion

- Irringrazzja lis-Segretarju Ezekuttiv u lill-kulħadd tal-paċenzja li ħadu bih u tal-ħbiberija ġenwina.

## 72.5 Rapporti

### 72.5.1 Risposta tas-Sindku – Rapport Finanzjarju Awditjat 2023

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat il-punti tal-***Management Letter*** u **Risposta tas-Sindku** hekk kif riprodotti hawn taħt:

**1 Previous management letter**

**1.1 Income**

The council once again failed to obtain audited financial statements of the Joint Committee (refer to note 2.4).

**1.2 Trade receivables**

We still identified long overdue trade receivables (refer to note 3.1).

**2 Income**

2.1 We noted commission income from LESA administration for the third quarter that was recorded twice amounting to €935.51.

Further, we noted an award related to Wasteserve EWWR (European Week of Waste Reduction) amounting to €1,000 that was already recognised in 2022 but recorded again as income in the current year.

Audit adjustments to reverse these income was approved by the council.

2.2 We recommend that the council performs monthly reconciliation of postings and collections of regular income (0037, 0040 and 0113 nominal codes) to avoid and detect any transaction posted/ recorded twice.

2.3 We also noted receipts from sale through a local bazaar from donated items amounting to €2,000. As per discussion with the executive secretary, this amount is to be donated to charity. The council have no specific plans related to this as of report date. Related expenses are expected to be recognised in 2024.

**Joint Committee**

2.4 We also noted that Attard Local Council formed part of the Birkirkara Joint Committee up to 31 August 2011.

2.5 We have obtained the last audited financial statements of the Birkirkara Joint Committee and noted that reserves of the committee only amount to €5,229. To this end our audit report was not qualified as the amount to be divided between all committee members would not be material.

2.6 Nevertheless, we recommend that the council raises this issue with the Department for Local Government and ensures that the joint committee is liquidated, and that the council receives any further income that may be due to it.

## 3 Trade receivables

### Overdue trade receivables

3.1 The books of account includes the following overdue receivables for which no provision was made in the books of account:

| Debtor | € |
|---|---|
| LESA | 1,045 |
| George Farrugia & Sons | 420 |
| Santa Lucia Confectionery | 140 |
| Higher Grades | 47 |
| Regjun Xlokk | 20 |
| FPSM Ltd | 10 |
| **Receivables without provision** | 1,682 |
| | |
| Era Monitoring Unit | 700 |
| Regjun Xlokk | 5 |
| Regjun Nofsinhar | 5 |
| **Receivables with provision** | 710 |
| **Total long overdue receivables** | 2,392 |

3.2 Based on the council's representation, the receivables without provision can still be recovered since they have already chased these debtors and have committed to pay for the balances.

The council should regularly review overdue receivables for recoverability and if so, chase these debtors by sending reminders for the long overdue amounts. If recoverability of these debtors remains doubtful, the council should also consider making a provision for doubtful debts in the books of account after obtaining council approval in a meeting.

## *1. Prior year management letter points*

*Joint Committee – please see detailed comments in section 2 below.*
*Trade receivables – please see detailed comments in section 3 below.*

## *2. Income*

*Income from LESA and Wasteserv recorded twice – the council agrees with these findings where inadvertently this income was recorded twice on the accounting system. Going forward, a review of the income accounts on the accounting system from LESA and any other debtors from who we receive regular income (mainly the 0037, 0040 and 0113 nominal codes) will be introduced to identify any double postings of income as part of the quarterly financial report accounting process.*
*Joint Committee – as per previous management letter the council is aware that no Financial Statements by the Birkirkara Joint Committee were presented to the council since 2015.The council had contacted the Department of Local Government on the 23rd November 2023 to remind them to perform such liquidation, up till now a response on the estimated date when this will happen has not been received.*

*Bazaar proceeds – the proceeds from the yearly bazaar held in December are then donated to charities in the following year. Going forward, the council will include an accrual in the annual financial statements to recognise the expense side associated with this income.*

***3. Trade Receivables***

*A Statement of Account and reminders have been sent to the parties from which a receivable was noted as overdue in the management letter and for which a provision was not recognised. The council is confident to receive these amounts in 2024. If this is not the case, the provision for doubtful debts will be adjusted accordingly or a write-off will be carried out on the amounts not received.*

Din ir-risposta ġiet approvata.

72.5.2 Approvazzjoni Rapport tal-Kwart tas-Sena Jannar – Marzu 2024

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li f'dan il-kwart kien hemm profit marġinali ta'€ 3695 li hu marbut mad-dħul u ħruġ ta' dak il-kwart. Hi kompliet tgħid li s-sitwazzjoni finanzjarja xorta hi prekarja b'-88% u r-raġuni hi li hemm flejjes bħall-ufficċini li għadhom ma ġewx kapitalizzati, allura ma jidhrux bħalha assi imma bħalha *current liabilities.* Hi kompliet tgħid li għad hemm bosta flejjes barra u biss biss għad hemm il-flejjes tad-development fund kollha barra. Dawn barra flejjes tal-LESA liema proġetti huma konklużi imma għadhom ma ġewx rifużi lura l-fondi li ngħataw bħal €25,000 assoċjati ma' fondi tal-għamara u oħrajn tal-aħħar proġett u fondi oħrajn ta' Transport Malta. Hi kompliet tgħid li anka meta tikkapitalizza proġett bħal tal-istazzjon id-deprezzament imur telf. Hi qalet ukoll li l-applikazzjoni tal-art ta' Ġnien l-Istazzjon lanqas biss ġiet ikkunsidrata u qed joħroġ kollox mill-fondi tal-Kunsill. Hi qalet li l-Kunsill għandu jkun kburi li wettaw proġett ta' miljun ewro.

Is-Sur John Bonnici saqsa jekk meta jiġu l-Awdituri jikkunsidrawx dawn l-affarijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jkun hemm l-ittra ta' direzzjoni li meta fiha l-Awditur jikkummentalek negattivament fuqha jkun hemm mezz kif tingħata risposta u wieħed jara x'wassal għal tali sitwazzjoni bħal dik li kellhom reċentament li jew jitilfu l-fondi tal-Ewropa li jammontaw għal madwar €600,000 jew iħallsuhom bil-mod mill-fondi tal-Kunsill.

Il-Perit Schembri saqsa ta' liema annu hu dan ir-rapport. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan ir-rapport hu tal-ewwel kwart tas-sena u fih hemm ħafna assi li kienu għadhom mhux kapitalizzati bħal l-art ta' Ġnien l-Istazzjon, l-istruttura u l-għamara ta' fuq. Hi qalet li bil-mod jaslu.

## 72.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

70.6.1 Riżoluzzjoni Nru. 4

Permezz ta' din ir-riżoluzzjoni il-Kunsill Lokali Ħ'Attard qed japprova li japplika għal fondi permezz tal-iskema SPI/SCI/03/2024 Skema inizjattiva finanzjarja lokalitajiet iktar nodfa sabiex tiġi organizzata attività Clean Up Day 2024 bħala parti mill-World Clean Up Campaign. Din l-attività se tiġi organizzata f'ġurnata bejn l-1 u 30 ta' Settembru 2024 u se jiġu mnaddfa Wied Irmiedi u Wied is-Sewda.

Is-Sur Cordina saqsa jekk kulħadd jaqbilx? Kulħadd qabel.

Proponent Stefan Cordina Sekondant L-Avukat Helen Caruana

## 72.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

72.7.1 L-Avukat Caruana saqsiet fuq l-Outlook Co-op li ħadu ħsieb l-inawgurazzjoni ta' Ġnien l-Istazzjon, Joseph Tabone li ħa ħsieb l-art u l-kuntratturi tal-ġonna Blooming Landscaping.

Proponent: Alex Mangion Sekondant: Remigio Bartolo

L-iskeda ġiet approvata.

## 72.8 Mozzjonijiet; u

72.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

Qabel għalaq is-Sindku qara ittra ta' ringrazzjament li tinsab annessa ma' dawn il-Minuti. Is-Sur Victor Galea skuża ruħu talli deher xi ftit goff għal bidu tal-leġislatura imma dak li xtaq iwassal kien dejjem għal ġid komuni ta' kulħadd.

## 72.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

72.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.04pm u ġiet aġġornata għal-25 ta' Ġunju 2024 fil-5.30pm

Konfermati illum, 26 ta' Ġunju 2024.

| | |
|---|---|
| Stefan Cordina | Marica Mifsud Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |